22006D0038

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 38/2006

ta' l-10 ta' Marzu 2006

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2006 tas-27 ta' Jannar 2006[1].

(2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej[2].

(3) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi r-Regolament (KE) Nru 1655/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1999 li li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2236/95 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam ta' netwerks trans-Ewropej[3].

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 788/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 u r-Regolamenti (KE) Nru 1655/2000, (KE) Nru 1382/2003 u (KE) Nru 2152/2003 bl-għan li l-ammonti ta' referenza jiġu emendati sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea[4] ġie inkluż bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 90/2004 tat-8 ta' Ġunju 2004[5].

(5) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi r-Regolament (KE) Nru 807/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej[6].

---

1 ĠU L 92, 30.3.2006, p. 46.
2 ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1.
3 ĠU L 197, 29.7.1999, p. 1.
4 ĠU L 138, 30.4.2004, p. 17.
5 ĠU L 349, 25.11.2004, p. 52.
6 ĠU L 143, 30.4.2004, p. 46.

(6) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi r-Regolament (KE) Nru 1159/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej[1].

(7) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji gwida għan-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej[2].

(8) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi Deċiżjoni Nru 1376/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE dwar serje ta' linji gwida għan-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej[3].

(9) Il-kooperazzjoni fil-każ tar-Regolament (KE) Nru 2236/95 u l-emendi sussegwenti għalih għandha tiġi limitata għall-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej.

(10) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li sseħħ din il-kooperazzjoni estiża b'effett mill-1 ta' Jannar 2006,

---

1 ĠU L 191, 22.7.2005, p. 16.
2 ĠU L 183, 11.7.1997, p. 12.
3 ĠU L 200, 30.7.2002, p. 1.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 6 (Promozzjoni tal-kontenut diġitali Ewropew fin-netwerks globali):

"7. L-Istati ta' l-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2006, jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-atti li ġejjin, sal-punt li huma relatati ma' proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej:

– 395 R 2236: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1), kif emendat bi:

– 399 R 1655: Regolament (KE) Nru 1655/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1999 (ĠU L 197, 29.7.1999, p. 1),

– – 32004 R 0788: Regolament (KE) No 788/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 17),

– 32004 R 0807: Regolament (EC) Nru 807/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 46),

– 32005 R 1159: Regolament (EC) Nru 1159/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 16).

– 397 D 1336: Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji gwida għan-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej (ĠU L 183, 11.7.1997, p. 12), kif emendat bi:

– 32002 D 1376: Deċiżjoni Nru 1376/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 (ĠU L 200, 30.7.2002, p. 1)."

2. Il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 2:

"Rigward l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 7, l-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu b'mod finanzjarju għal-linji tal-baġit 09 03 04 u 09 01 04 03 (netwerks ta' telekomunikazzjoni trans-Europej), kif ukoll għal-linji tal-*budget* sussegwenti li jikkorrispondu, b'konformità ma' l-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim.".

3. It-test tal-punt 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati ta' l-EFTA għandhom, mill-bidu tal-kooperazzjoni fil-programmi u fl-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7, jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-kumitati tal-KE li jassistu lill-Kummissjoni tal-KE fl-amministrazzjoni, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi u azzjonijiet.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim [*].

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2006.

[*] Ebda ħtiġiet kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 10 ta' Marzu 2006.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

R. WRIGHT